**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 16 ta' Frar 2024**

**<u>Rikors Gur nru : 220 /2022 AGV</u>**

**JM S**

-vs-

**Dr David Bonello u PL Quentin Tanti bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti GM .**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors guramentat ta' JMS , detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 0195282M, datat 13 ta' Ottubru 2022,**

Tesponi bir-rispett u **<u>bil-gurament taghha tikkonferma</u>**:

1. Illi r-rikorrenti hija mizzewga lill-intimat GM (kif evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala **Dok JMS 1**) u minn tali zwieg l-kontendenti kellhom lit-tifla AMS , detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 0074206L, li twieldet nhar il-25 ta' Frar tas-sena 2006 u dan kif jirrizulta mic-certifikati tat-twelid tal-minuri hawn msemmija li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala **Dok JMS 2**).

2. Illi l-intimat GM ilu zmien twil ma jaghmel kuntatt mar-rikorrenti u r-rikorrenti tinsab infurmata illi l-istess GM m'ghadux jirrisjedi hawn Malta.

3. Illi tant hu hekk, li ghas-seduti tal-medjazzjoni GM qatt m'attenda u dana nonostante l-fatt li kien debitament nfurmat u notifikat b'tali proceduri.

4. Illi r-rikorrenti JMS nonostante l-ostakoli u l-problemi kollha li kkawza u ghadu qieghed jikkawza l-intimat GM , minn dejjem kienet responsabbli li tiehu hsieb bl-ahjar mod possibli l-interessi tat-tifla minuri matul dan iz-zmien hekk kif l-intimat GM abbanduna kompletament lir-rikorrenti u aghar minn hekk lil bintu minuri u l-bzonnijiet taghha!

5. Illi r-rikorrenti qieghda taghmel tajjeb wahedha ghall-bzonnijiet kollha ta' bintha minuri u dan hekk kif l-intimat ma jhallas l-ebda manteniment versu l-bzonnijiet ta' bintu minuri u lanqas ma jikkontribwixxi ghall-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari inkorsi a favur taghha.

6. Illi huwa totalment ingust illi r-rikorrenti qed ikollha taffaccja problemi finanzjarji kawza ta' missier irresponsabbli li ma jrid bl-ebda mod jippartecipa jew jikkontribwixxi fit-trobbija ta' bintu minuri u dan anke fid-dawl tal-fatt illi l-intimat sa minn dejjem kien persuna illi jahdem u li ghalhekk jaqla rimuneragg u salarju tajjeb tal-istess xoghol.

7. Illi ghalhekk, certament la kienet tezisti u lanqas m'ghandha tezisti prezentament kwalunkwe raguni ragonevoli ghaliex l-intimat m'ghandux jikkontribwixxi finanzjarjament retta alimentarja xierqa u adekwata ghal bintu minuri.

8. Illi wkoll ir-rikorrenti qed tirrinfaccja problemi kbar fir-rigward tad-decizjonijiet kollha li jikkoncernaw lil bintha minuri fosthom decizjonijiet dwar is-sahha u edukazzjoni u anke safar tal-minuri billi kif gja inghad l-intimat hu assenti mill-gzejjer Maltin.

9. Illi r-rikorrenti intavolat procedura ta' medjazzjoni (Ittra numru 65/2022) bil-ghan li jintlahaq ftehim bonarju dwar l-aspetti kollha li ghandhom jirregolaw s-separazzjoni tal-kontendenti, madanakollu l-intimat ghazel li

ma jattendix ghall-ebda seduta u dan ghad-detriment u dannu tar-rikorrenti u t-tifla minuri!

10. Illi r-rikorrenti m'ghandiex informazzjoni ta' fejn qieghed jghix u/jew jabita l-intimat GMS ghalkemm l-probabilita hi li qieghed jghix f'pajjiz esteru mhux maghruf.

11. Illi permezz ta' digriet datat 1 ta' Settembru tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) (hawn anness u mmarkat bhala **Dok JMS 3**), l-eponenti giet awtorizzata tipprocedi b'kawza ghall-iskop infraskritt.

**JGHID GHALHEKK** l-intimat GM ghaliex m'ghandiex dina l-Onorabbli Qorti in vista tal-premess:

1. Tiddikjara illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli u li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment ghal ragunijiet imputabbli lill-intimat, u ghaldaqstant tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti;

2. Tapplika *in toto* jew *in parte* kontra l-intimat l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-kommunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lir-rikorrenti u l-

ohra lill-intimat, liema porzjonijiet ghandhom jigu komposti billi tigi stabbilita data bhala d-data meta l-intimat ghandu jigi kkonsidrat li huwa hati tal-firda b'tali mod li l-intimat ikun tilfet kull jedd ghal kull akkwist maghmul bil-hila tar-rikorrenti skont il-Ligi, u dan okkorendo b'opera ta' perit nominadi sabiex jillikwida l-istes kommunjoni;

4. Tordna lill-intimat jirrestitwixxi lir-rikorrenti il-beni u krediti parafernali u dotali taghha u kull kreditu li hi ghandha kontra l-komunjoni tal-akkwisti;

5. Tiddeciedi u tiddikjara li l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri AMS tigi fdata unikament u esklussivament f'idejn r-rikorrenti.

6. Tawtorizza lir-rikorrenti tiehu wahedha, u minghajr il-htiega ta' awtorizazzjoni jew intervent da parti tal-intimat, kwalunkwe decizjoni ordinarja u straordinarja rigward t-tifla minuri AMS , inkluz izda mhux limitat dawk dwar is-sahha, l-edukazzjoni, l-attivitajiet extra-kurrikulari, ir-religjon, it-trobbija, il-benessere, il-hrug jew it-tigdid tal-passaport u s-safar tal-istess tifla minuri.

7. Tordna li l-intimat jigi mnehhi mill-jeddijiet kollha ta' setgha ta' genituri, ai termini ta' l-Artikolu 154(1)(b) u/jew (e) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan fl-interess suprem tat-tifla minuri Anielka Mesiano Schembri u dan ukoll taht dawk il-provvedimenti kollha li l-istess l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

8. Tordna u tiddeciedi illi r-rikorrenti, wahedha u minghajr ebda awtorizzazjoni ulterjuri tal-Qorti u minghajr il-kunsens tal-intimat, tkun

tista’ tapplika, tottjeni u tikseb il-hrug tal-passaport ghat-tifla minuri AMS kif ukoll it-tigdid tieghu.

9. Tordna u tikkundanna lill-intimat GM ihallas lil rikorrenti retta alimentarja mensili ta’ tlett mija u hamsin ewro (€350) jew somma ohra li jidrilha xierqa din l-Onorabbli Qorti. F’kaz illi t-tifla minuri tibqa tistudja fuq bazi full time wara li tilhaq l-eta maggoreni, il-manteniment ghandu jibqa jithallas sakemm it-tifla minuri taghlaq l-eta ta’ tlieta u ghoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji relattivi, skond liema eventwalita tavvera ruhha l-ewwel.

10. Tordna lill-intimat sabiex ihallas nofs l-ispejjez relatati ma’ sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari nkorsi mir-rikorrenti ghat-tifla minuri.

11. Tordna li kwalunkwe beneficcju socjali u hlasijiet statali ohra in konnessjoni mat-tifla minuri, inkluz children’s allowance, ghandu jkun percepibbli esklussivament mir-rikorrenti.

12. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti lura ghal kunjom xbubitha ‘Schembri’.

13. Taghti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni fl-ahjar interessi tat-tifla minuri AMS

**Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.**

**Rat ir- Risposta** taì Dr. David Bonello et noe detentur tal-karta tal-identitaì numru 350886M,

Jesponi bir-rispett:-

1. Illi l-Kuraturi Deputati mì humiex edotti mill-fatti dikjarati;

2. Lill l-attrici ghandha tikkonferma bil-gurament taghha l-ahhar darba li kellha kuntatt mal-assenti;

3. Illi l-istess Kuraturi Deputati jitolbu illi jinghataw l-ahhar indirzz maghruf, indirizz tal-posta elettronika, u jew profili tal-Media socjali tal-istess assenti sabiex huma ikunu pozizzjoni illi jikkomunikaw maghhom.

**Salv eccezzjonijiet ohra permissibli skont il-Ligi.**

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

**IKKUNSIDRAT:**

Illi din il-kawza tittratta talba ghall-firda personali miz-zwieg. Il-konvenut GM jinsab residenti barra minn Malta f'indirizz mhux maghruf, u ghalhekk kellhom jinhatru kuraturi deputati biex jirrappresentaw l-interessi tieghu f'din il-kawza. Il-partijiet kienu zzewgu gewwa Malta fis-27 ta' Gunju 2008, u minn dan iz-zwieg kellhom tifla bl-isem ta' AMS li twieldet fil-25 ta' Frar 2006. L-attrici kienet awtorizzata tipprocedi b'kawza permezz ta' digriet fl-atti tal-medjazzjoni numru 65/22 datat 1 ta' Settembru 2022.

Fl-affidavit taghha, l-attrici tghid li kienu ltaqghu fuq il-post tax-xoghol, peress illi kienu jahdmu t-tnejn mal-istess kumpanija. Huma bdew jiffrekwentaw lil xulxin u wara ftit taz-zmien bdew jghixu flimkien fir-residenza ta' ommha. Wara xi sitt xhur, l-attrici harget tqila bit-tifla li twieldet fi Frar 2006. Bdew jippreparaw ghaz-zwieg, u l-attrici tghid li l-konvenut kien naqas milli jhallas il-*wedding planner* li kienu inkarigaw tiehu hsieb il-preparamenti kollha. Spiccat hallset kollox hi, anke wara li kienu ttiehdu proceduri civili kontriha ghall-hlas, u riedet ittemm ir-relazzjoni hemm, izda l-konvenut insista maghha li ma kienx ser jerga' jaghmel hekk. Sabiex it-tifla titrabba f'ambjent ta' familja, hija kienet accettat.

Madankollu, fiz-zwieg il-konvenut ma kienx jippartecipa fit-tmexxija tal-familja. L-attrici tghid li xorta kellha tiehu hsieb kollox hi, kemm spejjez ta' kuljum kif ukoll it-trobbija tat-tifla taghhom. Il-konvenut naqas ukoll milli jhallas jew jghin fl-ispejjez tal-iskola tal-knisja li kienet tattendi t-tifla. Dan baqa' sejjer sal-2019, meta l-konvenut beda jahdem f'restaurant ta' missieru gewwa x-Xemxija, u beda jqatta' hafna hin hemm, sahansitra li ma jmurx lura d-dar u jorqod hemm stess. Minn hemm, wara ftit indunat li l-konvenut kellu relazzjoni ma' terza persuna bl-isem ta' M , u esebiet provi f'dan is-sens. Kien ghalhekk li bdew dawn il-proceduri.

Bint il-partijiet, anielka AMS , li ftit jiem ohra ssir maggorenni, ukoll ippresentat affidavit taghha li jikkorrobora dak li qalet l-attrici, u x-xhud esprimiet ukoll il-weggha taghha li missierha kien telaqhom b'dak il-mod u mar jghix ma' mara ohra u abbandunahom. Apparti li l-konvenut telaq lil martu u lil bintu, wara ftit taz-zmien li kien telaq, huwa siefer minn Malta u apparentement ma regax gie lura. Minghajr ma l-Qorti tirrepeti dak li qalet it-tifla, huwa evidenti li l-konvenut

bl-aktar mod assolut abdika minn kull responsabilita' lejn il-familja tieghu, minghajr ebda rimors evidenti. Huwa ta' ghajb u misthija li missier jgib ruhu b'dan il-mod ma' bintu. Kien biss sforz il-hidma tal-attrici li hi u t-tifla mexxew wehidhom tul dawn is-snin kollha.

Mill-kumplament tal-provi li gew prodotti mill-attrici, jirrisulta li l-partijiet ma kellhom ebda proprjeta' immobbli f'isimhom. Ghandhom biss xi kontijiet bankarji, li kulhadd ser izomm dak li huwa intestat f'ismu. L-attrici tghix f'residenza mikrija minn terzi, u din il-kera ghandha tigi assenjata lilha. Ma gew prodotti ebda provi dwar kontijiet bankarji u vetturi, jew proprjeta' ohra mobbli. Il-Qorti ghalhekk sejra tordna li kull proprjeta' intestata f'isem wiehed jew wahda mill-partijiet ghandha tibqa' hekk intestata.

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI:

Tilqa' t-talbiet kollha attrici.

1. Tiddikjara illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli u li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment ghal ragunijiet imputabbli lill-intimat, u ghaldaqstant tippronunzja d-divorzju bejn il-kontendenti;

2. Tapplika *in toto* kontra l-intimat l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-kommunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet kif deskritt fis-sentenza.

4. Tordna lill-intimat jirrestitwixxi lir-rikorrenti il-beni u krediti parafernali u dotali taghha u kull kreditu li hi ghandha kontra l-komunjoni tal-akkwisti;

5. Tiddeciedi u tiddikjara li l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri AMS tigi fdata unikament u esklussivament f'idejn r-rikorrenti.

6. Tawtorizza lir-rikorrenti tiehu wahedha, u minghajr il-htiega ta' awtorizazzjoni jew intervent da parti tal-intimat, kwalunkwe decizjoni ordinarja u straordinarja rigward t-tifla minuri AMS inkluz izda mhux limitat dawk dwar is-sahha, l-edukazzjoni, l-attivitajiet extra-kurrikulari, ir-religjon, it-trobbija, il-benessere, il-hrug jew it-tigdid tal-passaport u s-safar tal-istess tifla minuri.

7. Tordna li l-intimat jigi mnehhi mill-jeddijiet kollha ta' setgha ta' genituri, ai termini ta' l-Artikolu 154(1)(b) u/jew (e) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan fl-interess suprem tat-tifla minuri Anielka Mesiano Schembri u dan ukoll taht dawk il-provvedimenti kollha li l-istess l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

8. Tordna u tiddeciedi illi r-rikorrenti, wahedha u minghajr ebda awtorizzazjoni ulterjuri tal-Qorti u minghajr il-kunsens tal-intimat, tkun tista' tapplika, tottjeni u tikseb il-hrug tal-passaport ghat-tifla minuri AMS kif ukoll it-tigdid tieghu.

9. Tordna u tikkundanna lill-intimat GM ihallas lil rikorrenti retta alimentarja mensili ta' tlett mija u hamsin ewro (€350). F'kaz illi t-tifla minuri tibqa tistudja fuq bazi full time wara li tilhaq l-eta maggoreni, il-manteniment ghandu jibqa jithallas sakemm it-tifla minuri taghlaq l-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji relattivi, skond liema eventwalita tavvera ruhha l-ewwel.

10. Tordna lill-intimat sabiex ihallas nofs l-ispejjez relatati ma' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari nkorsi mir-rikorrenti ghat-tifla minuri.

11. Tordna li kwalunkwe beneficcju socjali u hlasijiet statali ohra in konnessjoni mat-tifla minuri, inkluz children's allowance, ghandu jkun percepibbli esklussivament mir-rikorrenti.

12. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti lura ghal kunjom xbubitha 'S'.

13. Stante li t-tifla hija kwazi maggorenni, tastjeni milli taghti provvediment dwar access mal-konvenut.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati temporanjament mill-attrici, izda jsiru rekuperabbli interament mill-konvenut hekk kif l-indirizz tieghu jigi determinat.

**Imhallef**

**Onor Anthony G Vella**